KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fl-14 ta' Diċembru 2023[1]

**Kawżi magħquda C-684/22 sa C-686/22**

**S.Ö.**
**vs**
**Stadt Duisburg (C-684/22)**
**u**
**N.Ö.,**
**M.Ö.**
**vs**
**Stadt Wuppertal (C-685/22)**
**u**
**M.S.,**
**S.S.**
**vs**
**Stadt Krefeld (C-686/22)**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgericht Düsseldorf (il-Qorti Amministrattiva ta' Düsseldorf, il-Ġermanja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ċittadinanza tal-Unjoni – Artikolu 20 TFUE – Nazzjonalità ta' Stat Membru u ta' pajjiż terz – Akkwist tan-nazzjonalità ta' pajjiż terz –Telf *ipso jure* tan-nazzjonalità tal-Istat Membru u taċ-ċittadinanza tal-Unjoni – Eżami individwali tal-konsegwenzi – Applikazzjoni minn qabel għaż-żamma tan-nazzjonalità"

## I. Introduzzjoni

1. Sa fejn il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru dwar in-nazzjonalità, li tistipula li ċ-ċittadini tiegħu jitilfu n-nazzjonalità tagħhom meta jakkwistaw b'mod volontarju nazzjonalità barranija, sakemm ma jkunux talbu u kisbu awtorizzazzjoni sabiex iżommu n-nazzjonalità tagħhom qabel dan l-akkwist, hija konformi mal-Artikolu 20 TFUE?

2. Din hija, essenzjalment, il-problema legali li tqum f'dawn il-kawżi u li hija s-suġġett ta' żewġ domandi preliminari magħmula mill-Verwaltungsgericht Düsseldorf (il-Qorti Amministrattiva ta' Düsseldorf, il-Ġermanja) fil-kuntest ta' kawżi li jirrigwardaw it-telf tan-nazzjonalità Ġermaniża.

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

3. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba għal darb'oħra tiddeċiedi dwar jekk sistema nazzjonali ta' telf tan-nazzjonalità hijiex konformi mad-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, dawn il-kawżi jaqgħu fil-kuntest ġurisprudenzjali li ġie wara s-sentenzi Rottmann[2], Tjebbes *et*[3], Wiener Landesregierung (Revoka ta' assigurazzjoni ta' naturalizzazzjoni)[4] u Udlændinge- og Integrationsministeriet (Telf ta' ċittadinanza Daniża)[5].

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt tal-Unjoni*

4. L-Artikolu 20(1) TFUE jistabbilixxi ċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jistipula li "[k]walunkwe persuna li għandha ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru" hija ċittadina tal-Unjoni.

### *B. Id-dritt Ġermaniż*

5. L-iStaatsangehörigkeitsgesetz (il-Liġi dwar in-Nazzjonalità)[6] (iktar 'il quddiem l-"iStAG"), fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2000 u applikabbli għall-kawżi prinċipali, tistipula, fl-Artikolu 25 tagħha:

"(1) Ċittadin Ġermaniż jitlef in-nazzjonalità tiegħu meta jakkwista nazzjonalità barranija jekk dan l-akkwist ikun seħħ fuq talba tiegħu jew fuq talba tar-rappreżentant legali tiegħu, iżda l-persuna kkonċernata ma titlifx in-nazzjonalità tagħha ħlief jekk il-kundizzjonijiet li abbażi tagħhom it-telf jista' jintalab bis-saħħa tal-Artikolu 19 ikunu ssodisfatti. It-telf imsemmi fl-ewwel sentenza ma jseħħx meta ċittadin Ġermaniż jakkwista n-nazzjonalità ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, tal-Isvizzera jew ta' Stat li miegħu r-Repubblika Federali tal-Ġermanja kkonkludiet trattat internazzjonali skont l-Artikolu 12(3).

(2) Kull persuna li, qabel ma akkwistat in-nazzjonalità barranija, kisbet, fuq talba tagħha, l-awtorizzazzjoni bil-miktub tal-awtorità kompetenti sabiex iżżomm in-nazzjonalità tagħha ma titlifx in-nazzjonalità tagħha. […] Sabiex tittieħed deċiżjoni dwar talba msemmija fl-ewwel sentenza, l-interessi pubbliċi u privati għandhom jiġu bbilanċjati. Jekk l-applikant ikollu r-residenza abitwali tiegħu f'pajjiż barrani, għandu jiġi kkunsidrat b'mod partikolari jekk jistax juri b'mod kredibbli żamma ta' rabtiet mal-Ġermanja."

## III. Il-fatti fil-kawżi prinċipali

6. Il-fatti rilevanti tal-kawżi prinċipali, kif jirriżultaw mid-deċiżjonijiet tar-rinviju, jistgħu jitqassru bil-mod segwenti.

[2] Sentenza tat-2 ta' Marzu 2010 (C-135/08, EU:C:2010:104, iktar 'il quddiem is-"sentenza Rottmann", EU:C:2010:104).

[3] Sentenza tat-12 ta' Marzu 2019 (C-221/17, EU:C:2019:189, iktar 'il quddiem is-"sentenza Tjebbes *et*", EU:C:2019:189).

[4] Sentenza tat-18 ta' Jannar 2022 (C-118/20, EU:C:2022:34, iktar 'il quddiem is-"sentenza Wiener Landesregierung").

[5] Sentenza tal-5 ta' Settembru 2023 (C-689/21, EU:C:2023:626, iktar 'il quddiem is-"sentenza Udlændinge- og Integrationsministeriet").

[6] Fil-verżjoni kkonsolidata tagħha (*Bundesgesetzblatt*, Parti III, Nru 102-1, kif emendata bil-punt 7 tal-Artikolu 1 tal-Gesetz zur Reform des Staatsangehörigkeitsrechts (il-Liġi li tirriforma d-Dritt taċ-Ċittadinanza), tal-15 ta' Lulju 1999 (BGBl. I, p. 161).

7. Ir-rikorrent fil-kawża prinċipali fil-Kawża C-684/22, S.Ö., imwieled fit-Turkija fl-1966, daħal fit-territorju Ġermaniż fl-1990. Huwa miżżewweġ u missier ta' tliet itfal. Fl-10 ta' Mejju 1999, huwa kiseb in-nazzjonalità Ġermaniża permezz ta' naturalizzazzjoni u n-nazzjonalità Torka tiegħu ġiet irtirata fit-13 ta' Settembru 1999.

8. Fil-25 ta' Mejju 2018, fil-kuntest ta' applikazzjoni għal dokument tal-ivvjaġġar għal ibnu, S.Ö. indika li kien reġa' kiseb in-nazzjonalità Torka fit-12 ta' Novembru 1999. F'dan ir-rigward huwa pproduċa dikjarazzjoni tal-Ministeru tal-Intern Tork datata 27 ta' Frar 2019 u estratt mir-Reġistru tal-Istat Ċivili tas-6 ta' Novembru 2018, li kienu juru li huwa kien talab ir-reintegrazzjoni tiegħu fin-nazzjonalità Torka fit-13 ta' Settembru 1999 u li kien irkupraha permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri tat-12 ta' Novembru 1999.

9. Peress li l-awtoritajiet Ġermaniżi esprimew dubji serji li iben S.Ö. għandu n-nazzjonalità Ġermaniża, fil-25 ta' April 2019, S.Ö. talab lill-awtorità ta' naturalizzazzjoni tal-belt ta' S. tagħtih dokument ta' nazzjonalità sabiex ikun jista' jistabbilixxi ż-żamma tan-nazzjonalità Ġermaniża tiegħu. Sussegwentement huwa mar jirrisjedi fil-belt ta' Duisburg (il-Ġermanja).

10. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali fil-Kawża C-685/22, il-konjuġi M.Ö. u N.Ö., imwielda, rispettivament, fl-1959 u fl-1970, daħlu fit-territorju Ġermaniż fl-1974. Huma akkwistaw in-nazzjonalità Ġermaniża permezz ta' naturalizzazzjoni fis-27 ta' Awwissu 1999 u n-nazzjonalità Torka tagħhom ġiet irtirata fit-2 ta' Settembru 1999.

11. Fl-1 ta' Settembru 2005, waqt laqgħa mas-servizzi tal-belt ta' Wuppertal (il-Ġermanja), huma indikaw li kienu reġgħu kisbu n-nazzjonalità Torka fl-24 ta' Novembru 2000. F'dan ir-rigward, huma pproduċew dikjarazzjoni tal-Konsulat Ġenerali tat-Turkija, li jinsab f'E., datata 31 ta' Awwissu 2005, li tindika li fit-2 ta' Settembru 1999, huma kienu talbu r-reintergrazzjoni tagħhom fin-nazzjonalità Torka u kienu rkuprawha permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri tal-24 ta' Novembru 2000. Permezz ta' ittra tal-1 ta' Diċembru 2016, ir-rikorrenti ppreżentaw lill-belt ta' Wuppertal estratt mir-Reġistru tal-Istat Ċivili Tork li jindika li r-reintegrazzjoni tagħhom fin-nazzjonalità Torka kienet diġà seħħet bis-saħħa ta' deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri tal-1 ta' Novembru 1999.

12. F'Awwissu 2020, il-belt ta' Wuppertal informat lil M.Ö. u lil N.Ö. li, inkwantu kien hemm probabbiltà suffiċjenti li d-data fuq l-estratt tar-Reġistru tal-Istat Ċivili Tork kienet ġiet immanipulata, dan l-estratt ma setax ikollu valur probatorju li jmur lil hinn mir-reintegrazzjoni fin-nazzjonalità Torka.

13. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali fil-Kawża C-686/22, il-konjuġi M.S. u S.S., imwielda fl-1965 u fl-1971, daħlu fit-territorju Ġermaniż, fl-1981 u fl-1989, rispettivament. Huma kisbu n-nazzjonalità Ġermaniża permezz ta' naturalizzazzjoni fl-10 ta' Ġunju 1999 u sussegwentement in-nazzjonalità Torka tagħhom ġiet irtirata.

14. Filwaqt li talbu l-irtirar tan-nazzjonalità Torka tagħhom sabiex jissodisfaw waħda mill-kundizzjonijiet neċessarji għan-naturalizzazzjoni Ġermaniża, M.S. u S.S. talbu fl-istess ħin lill-awtoritajiet Torok ir-reintegrazzjoni tagħhom fin-nazzjonalità Torka, ladarba ngħatatilhom in-nazzjonalità Ġermaniża. Huma ngħataw il-parir fid-dawl tal-leġiżlazzjoni Ġermaniża applikabbli dak iż-żmien fis-sens li setgħu jerġgħu jirkupraw in-nazzjonalità Torka mingħajr ma madankollu jitilfu n-nazzjonalità Ġermaniża. F'dan ir-rigward huma ppreżentaw estratt mir-Reġistru tal-Istat Ċivili Tork li jindika li kienu rkupraw in-nazzjonalità Torka fid-9 ta' Awwissu 1999 bis-saħħa ta' deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri.

15. Fid-19 ta' Diċembru 2017, M.S. u S.S. talbu lill-belt ta' Krefeld (il-Ġermanja) tikkonstata li huma kellhom in-nazzjonalità Ġermaniża. Minkejja li l-belt ta' Krefeld, fl-24 ta' Awwissu 2018, kienet tathom dokument ta' nazzjonalità, hija argumentat dwar l-assenza tan-numru tad-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri fir-Reġistru tal-Istat Ċivili Tork sabiex titkompla l-proċedura.

16. Permezz ta' deċiżjonijiet tal-Pulizija Amministrattiva[7], il-konvenuti fil-kawżi prinċipali kkonstataw, skont l-Artikolu 30(1) tal-iStAG, li S.Ö., M.Ö., N.Ö., M.S. u S.S. (iktar 'il quddiem, flimkien, ir-"rikorrenti fil-kawżi prinċipali") ma kellhomx iktar in-nazzjonalità Ġermaniża[8]. Fil-fatt, huma qiesu li r-reintegrazzjoni fin-nazzjonalità Torka kienet seħħet wara l-1 ta' Jannar 2000 u ġabet magħha telf awtomatiku tan-nazzjonalità Ġermaniża, skont il-punt 2 tal-Artikolu 17(1) u l-ewwel sentenza tal-Artikolu 25(1) tal-iStAG. Dan ma kienx ikun il-każ li kieku din ir-reintegrazzjoni kienet seħħet fil-31 ta' Diċembru 1999, peress li l-ewwel sentenza tal-Artikolu 25(1) tar-Reichs – und Staatsangehörigkeitsgesetz (il-Liġi dwar in-Nazzjonalità), tat-22 ta' Lulju 1913 (iktar 'il quddiem ir-"RuStAG")[9], li kienet applikabbli qabel, kienet tistipula li t-telf tan-nazzjonalità Ġermaniża kien japplika biss għall-Ġermaniżi li jirrisjedu f'pajjiż barrani. Madankollu, ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali ma wrewx reintegrazzjoni fin-nazzjonalità Torka qabel l-1 ta' Jannar 2000.

17. Sussegwentement, ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali ppreżentaw rikors kontra dawn id-deċiżjonijiet tal-Pulizija Amministrattiva quddiem il-Verwaltungsgericht Düsseldorf (il-Qorti Amministrattiva ta' Düsseldorf), il-qorti tar-rinviju.

## IV. Id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

18. Fit-tliet talbiet għal deċiżjoni preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tindika li l-Artikolu 25 tal-iStAG, fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2000, huwa applikabbli għar-rikorrenti fil-kawżi prinċipali peress li kisbu mill-ġdid in-nazzjonalità Torka wara d-dħul fis-seħħ tal-verżjoni l-ġdida tal-liġi. Din il-qorti tirrileva li l-estratti mir-Reġistru tal-Istat Ċivili ppreżentati mir-rikorrenti sabiex jintwera li dan ma kienx il-każ ma għandhom ebda valur probatorju. Barra minn hekk, hija tirrileva li r-rikorrenti fil-kawżi prinċipali ma talbux l-awtorizzazzjoni sabiex iżommu n-nazzjonalità Ġermaniża, kif imsemmi fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 25(2) tal-iStAG qabel ma akkwistaw, mill-ġdid, in-nazzjonalità Torka.

19. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tindika li, skont il-ġurisprudenza nazzjonali, l-ewwel sentenza tal-Artikolu 25(1) tal-iStAG hija konformi mad-dritt tal-Unjoni inkwantu l-persuna kkonċernata tista' tippreżenta, skont l-ewwel sentenza tat-tieni paragrafu ta' dan l-artikolu, applikazzjoni għal awtorizzazzjoni sabiex iżżomm in-nazzjonalità Ġermaniża; fil-kuntest ta' din il-proċedura, eżami individwali tal-konsegwenzi li jġib miegħu t-telf tan-nazzjonalità fuq is-sitwazzjoni tal-persuna kkonċernata huwa espliċitament previst.

20. Madankollu, il-qorti tar-rinviju għandha dubju dwar tali konformità mad-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, hija tosserva li, fil-każ fejn il-proċedura ta' awtorizzazzjoni minn qabel sabiex tinżamm in-nazzjonalità msemmija fl-Artikolu 25(2) tal-iStAG (iktar 'il quddiem il-"proċedura ta'

[7] Meħuda mill-ibliet ikkonċernati fit-tliet kawżi prinċipali, fit-13 ta' Settembru 2019, fl-24 ta' Frar 2021 u fit-12 ta' Frar 2021, rispettivament.

[8] Skont l-Artikolu 30(1) tal-iStAG: "[l]-eżistenza jew l-assenza tan-nazzjonalità Ġermaniża hija kkonstatata fuq talba mill-awtorità kompetenti fil-qasam tan-nazzjonalità meta jintwera interess leġittimu b'mod kredibbli. Il-konstatazzjoni hija vinkolanti fil-kawżi kollha li għalihom l-eżistenza jew l-assenza tan-nazzjonalità Ġermaniża hija legalment rilevanti. Fil-preżenza ta' interess pubbliku, il-konstatazzjoni tista' ssir ukoll *ex officio*."

[9] RGBl., p. 583.

awtorizzazzjoni minn qabel") ma tkunx saret, minn din id-dispożizzjoni jirriżulta li t-telf tan-nazzjonalità u, għalhekk, it-telf taċ-ċittadinanza tal-Unjoni għall-persuni li ma għandhomx nazzjonalità ta' Stat Membru ieħor, iseħħ b'mod awtomatiku, mingħajr ebda eżami individwali. Din il-qorti tispjega li d-dritt Ġermaniż ma jistipula ebda possibbiltà ta' eżami dwar konsegwenzi li jġib miegħu t-telf tan-nazzjonalità Ġermaniża wara li dan it-telf ikun seħħ. F'każ bħal dan, l-uniku mezz għall-persuni kkonċernati sabiex jakkwistaw, mingħajr effett retroattiv, in-nazzjonalità Ġermaniża jkun dak li jippreżentaw applikazzjoni ġdida għal naturalizzazzjoni.

21. Barra minn hekk, filwaqt li jiġi nnotat li, skont il-kliem tal-Artikolu 25(2) tal-iStAG, applikazzjoni għal awtorizzazzjoni sabiex tinżamm in-nazzjonalità toffri possibbiltà li jiġu kkunsidrati rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja, għaliex huwa fid-dawl tagħhom li l-interessi pubbliċi u privati għandhom ikunu bbilanċjati waqt id-deċiżjoni dwar tali applikazzjoni, il-qorti tar-rinviju tirrileva li, fil-prattika, il-konsegwenzi li jġib miegħu t-telf tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni madankollu ma humiex eżaminati mill-awtoritajiet amministrattivi u fil-ġurisprudenza nazzjonali. Fil-fatt, l-awtorizzazzjoni li tinżamm in-nazzjonalità tingħata biss meta jkun hemm interess partikolari għall-akkwist ta' nazzjonalità barranija filwaqt li tinżamm in-nazzjonalità Ġermaniża.

22. Kien f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Verwaltungsgericht Düsseldorf (il-Qorti Amministrattiva ta' Düsseldorf), permezz ta' deċiżjonijiet tat-3 ta' Novembru 2022, li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-8 ta' Novembru 2022, iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri fit-tliet kawżi prinċipali u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1) L-Artikolu 20 TFUE jipprekludi dispożizzjoni li tipprevedi li, fil-każ ta' akkwist volontarju ta' nazzjonalità (mhux ipprivileġġjata) ta' Stat terz, in-nazzjonalità tal-Istat Membru u, għaldaqstant, iċ-ċittadinanza tal-Unjoni jintilfu *ipso jure* jekk eżami individwali tal-konsegwenzi tat-telf iseħħ biss fil-każ li ċ-ċittadin barrani kkonċernat ikun ippreżenta minn qabel applikazzjoni għal ħruġ ta' awtorizzazzjoni sabiex iżomm in-nazzjonalità tiegħu u sakemm din l-applikazzjoni tkun ingħatat risposta pożittiva qabel l-akkwist tan-nazzjonalità barranija?

2) Jekk l-ewwel domanda tingħata risposta fin-negattiv: l-Artikolu 20 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li, fil-proċedura ta' ħruġ tal-awtorizzazzjoni sabiex tinżamm in-nazzjonalità, ma jistgħux jiġu stabbiliti kundizzjonijiet li jwasslu, fl-aħħar mill-aħħar, sabiex evalwazzjoni tas-sitwazzjoni individwali tal-persuna kkonċernata kif ukoll dik tal-familja tagħha fir-rigward tal-konsegwenzi tat-telf tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni ma ssirx jew tiġi ssostitwita b'rekwiżiti oħra?"

23. Permezz ta' deċiżjoni tas-7 ta' Diċembru 2022, il-Kawżi C-684/22 sa C-686/22 ġew magħquda għall-finijiet tal-proċeduri bil-miktub u orali kif ukoll tas-sentenza.

24. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub, fil-Kawża C-686/22, mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, mill-belt ta' Krefeld, mill-Gvern Ġermaniż u minn dak Estonjan, kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea u, fil-Kawżi C-684/22 u C-685/22, mill-istess Gvernijiet u mill-Kummissjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ma tagħmilx seduta f'dawn il-kawżi.

## V. Analiżi

25. Permezz taż-żewġ domandi li huma s-suġġett ta' dawn it-talbiet għal deċiżjoni preliminari, li għandhom jiġu ttrattati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 20 TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tistipula li ċ-ċittadini tagħha, fil-każ ta' akkwist volontarju ta' nazzjonalità ta' pajjiż terz, jitilfu *ipso jure* n-nazzjonalità ta' dan l-Istat Membru, li jwassal, għall-persuni li ma humiex ukoll ċittadini ta' Stat Membru ieħor, għat-telf tal-istatus tagħhom ta' ċittadini tal-Unjoni u tad-drittijiet marbuta miegħu, sakemm il-persuni kkonċernati ma jkunux kisbu l-awtorizzazzjoni li jżommu din in-nazzjonalità qabel l-akkwist tan-nazzjonalità tal-pajjiż terz, bl-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jwettqu, fil-kuntest tal-eżami tal-applikazzjoni intiża biex tinkiseb tali awtorizzazzjoni, eżami individwali tas-sitwazzjoni tal-persuni kkonċernati li jibbilanċja l-interessi pubbliċi u privati sabiex tinżamm in-nazzjonalità tal-Istat Membru.

26. Sabiex tingħata risposta utli għal din id-domanda, qabel kollox, għandhom jiġu enfasizzati xi elementi li jidhru stabbiliti minn qari tad-deċiżjonijiet tar-rinviju.

27. Fl-ewwel lok, fir-rigward tas-sitwazzjoni tar-rikorrenti fil-kawżi prinċipali, il-qorti tar-rinviju tispjega li dawn daħlu fit-territorju Ġermaniż matul is-snin 70, 80 u 90, u ilhom jirrisjedu fih minn dak iż-żmien. Fl-1999, huma kisbu n-nazzjonalità Ġermaniża permezz ta' naturalizzazzjoni filwaqt li rrinunzjaw għan-nazzjonalità Torka, li sussegwentement ġiet irtirata. Kif tindika l-qorti tar-rinviju, ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali, li ngħataw parir korrettament fid-dawl tal-leġiżlazzjoni Ġermaniża li kienet fis-seħħ dak iż-żmien fis-sens li setgħu jirkupraw in-nazzjonalità Torka mingħajr madankollu ma jitilfu n-nazzjonalità Ġermaniża, talbu b'mod volontarju l-irkupru tan-nazzjonalità Torka fil-mument meta din in-nazzjonalità ġiet irtirata mingħandhom. Diversi snin wara, l-awtoritajiet kompetenti kkonstataw li r-rikorrenti fil-kawżi prinċipali kienu rkupraw in-nazzjonalità Torka wara li ressqu applikazzjoni f'dan is-sens u li, konsegwentement, skont il-leġiżlazzjoni Ġermaniża fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2000, huma tilfu *ipso jure* n-nazzjonalità Ġermaniża u, għalhekk, l-istatus tagħhom ta' ċittadini tal-Unjoni[10]. Barra minn hekk, sa fejn, skont din il-liġi, ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali ma kinux talbu – u ma kisbux – l-awtorizzazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti sabiex iżommu n-nazzjonalità Ġermaniża qabel ma jirkupraw in-nazzjonalità Torka, ma setgħux jibbenefikaw mill-eżami individwali previst fil-kuntest ta' din it-talba, li jibbilanċja l-interessi pubbliċi u privati sabiex tinżamm in-nazzjonalità Ġermaniża.

28. Fit-tieni lok, f'dak li jirrigwarda l-leġiżlazzjoni inkwistjoni, il-qorti tar-rinviju tindika, qabel kollox, li l-Artikolu 25(1) tal-iStAG, fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2000, jistipula li ċittadin Ġermaniż jitlef in-nazzjonalità tiegħu meta jakkwista nazzjonalità barranija jekk dan l-akkwist ikun seħħ fuq talba tiegħu. Madankollu, skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu, dan iċ-ċittadin jista' jżomm in-nazzjonalità tiegħu jekk, qabel ma jakkwista n-nazzjonalità barranija, huwa kiseb fuq talba tiegħu awtorizzazzjoni bil-miktub mingħand l-awtorità kompetenti f'dan ir-rigward. Din id-dispożizzjoni tistipula wkoll li, waqt id-deċiżjoni fuq din it-talba, l-interessi pubbliċi u privati għandhom jiġu bbilanċjati.

[10] Għal finijiet ta' kompletezza, nixtieq nindika li l-awturi tad-duttrina jispjegaw li din ir-riforma tar-RuStAG introduċiet element ta' *ius soli* u ffaċilitat l-akkwist tan-nazzjonalità Ġermaniża għar-residenti barranin fil-Ġermanja u, b'mod partikolari, għal uliedhom imwielda f'dan l-Istat Membru. Dawn l-awturi jispjegaw li, mid-dħul fis-seħħ ta' din il-leġiżlazzjoni, saru emendi fl-2004, 2007, 2009, 2014 u 2019. Ara, b'mod partikolari, Farahat, A. u Hailbronner, K., *Report on Citizenship Law: Germany*, RSCAS/GLOBALCIT-CR 2020/5, European University Institute, Country Report 2020/05, Marzu 2020, p. 33.

29. Sussegwentement, din il-qorti tispjega li kemm l-akkwist permezz ta’ naturalizzazzjoni tan-nazzjonalità Ġermaniża mir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali kif ukoll l-introduzzjoni tat-talba tagħhom għall-irkupru tan-nazzjonalità Torka seħħew *qabel* l-1 ta’ Jannar 2000, id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Artikolu 25 tal-iStAG[11]. Hija tispjega li din id-dispożizzjoni hija applikabbli għalihom peress li rkupraw in-nazzjonalità Torka *wara* din id-data, filwaqt li spjegat li d-dokumenti li ppreżentaw biex juru li dan ma huwiex il-każ ma għandhom l-ebda valur probatorju[12].

30. Fl-aħħar nett, il-qorti tar-rinviju tindika li r-rikorrenti fil-kawżi prinċipali ma ressqux applikazzjoni – u, għalhekk, ma kisbux awtorizzazzjoni – sabiex iżommu n-nazzjonalità qabel l-irkupru tan-nazzjonalità Torka, kif previst mill-Artikolu 25(2) tal-iStAG. Konsegwentement, it-telf tan-nazzjonalità Ġermaniża tagħhom u, għalhekk, tal-istatus tagħhom ta’ ċittadini tal-Unjoni sar b’mod *awtomatiku*, mingħajr ma setgħu jibbenefikaw mill-eżami individwali tas-sitwazzjoni tagħhom.

31. Hija din il-kwistjoni legali li hija fil-qalba ta’ dawn il-kawżi u li ser nittratta f’dawn il-konklużjonijiet. Fl-argumenti li ġejjin, se nfakkar b’mod ġenerali l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja relatata mat-telf tal-istatus ta’ ċittadin tal-Unjoni, kif ukoll il-prinċipji li joħorġu minnha (Taqsimiet A) u li hemm lok li jiġu applikati f’dan il-każ (Taqsima B).

## *A. Fuq il-prinċipji stabbiliti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja*

### *1. Mis-sentenza Rottmann għas-sentenza Wiener Landesregierung billi ngħaddu mis-sentenza Tjebbes et*

32. Fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Udlændinge- og Integrationsministeriet, enfasizzajt li l-linja komuni li toħroġ mill-ġurisprudenza li analizzajt, li tirriżulta mis-sentenzi Rottmann, Tjebbes *et* u Wiener Landesregierung, hija essenzjalment komposta minn żewġ prinċipji ġurisprudenzjali[13].

33. Skont l-ewwel prinċipju, għalkemm id-definizzjoni tal-“kundizzjonijiet tal-ksib u tat-telf tan-nazzjonalità” taqa’ fil-kompetenza ta’ kull Stat Membru, din il-kompetenza għandha tkun eżerċitata b’osservanza tad-dritt tal-Unjoni[14]. Fir-rigward ta’ dan il-prinċipju, stabbilit

[11] L-akkwist tan-nazzjonalità Ġermaniża għalhekk seħħ taħt l-ewwel sentenza tal-Artikolu 25(1) tar-RuStAG, fis-seħħ sal-31 ta’ Diċembru 1999, li kienet tistipula l-“Inlandsklausel” (iktar ’il quddiem il-“klawżola relatata mat-territorju nazzjonali”), li tipprevedi li t-telf tan-nazzjonalità Ġermaniża jseħħ biss meta ċ-ċittadin Ġermaniż ikkonċernat ma kellux “la d-domiċilju tiegħu u lanqas ir-residenza permanenti tiegħu fit-territorju nazzjonali”. Din il-klawżola tneħħiet fl-Artikolu 25 tal-iStAG. Fl-osservazzjonijiet tagħha, il-Kummissjoni tirreferi għall-espożizzjoni tal-motivi tal-abbozz tal-Liġi li tirriforma d-Dritt taċ-Ċittadinanza tal-15 ta’ Lulju 1999 [Dokument (‘Drucksache’) 14/533 tal-Bundestag Ġermaniż tas-16 ta’ Marzu 1999, p. 15] li tistipula li “[d]in il-“klawżola relatata mat-territorju nazzjonali” hija ħafna drabi użata b’abbuż tal-prinċipju li għandhom jiġu evitati diversi nazzjonalitajiet meta jkun hemm naturalizzazzjoni: in-nazzjonalità barranija abbandunata qabel in-naturalizzazzjoni tiġi rkuprata mingħajr sanzjoni wara n-naturalizzazzjoni. It-tneħħija tal-“klawżola relatata mat-territorju nazzjonali” telimina din il-possibbiltà ta’ abbuż”. Ara, f’dan ir-rigward, b’mod partikolari, McFadden, S.W., “German Citizenship Law and the Turkish diaspora”, *German Law Journal*, 2019, Nru 20, p. 72, u, b’mod partikolari, p. 74 sa 78; Falcke, S., u Vink, M., “Closing a Backdoor to Dual Citizenship: The German Citizenship Law Reform of 2000 and the Abolishment of the “Domestic Clause””, *Frontiers in. Sociology*., 2020, vol. 5, p. 1, u, b’mod partikolari, p. 3 sa 5, u Bouche, N., “La réforme de 1999 du droit allemand de la nationalité”, *Revue international de droit comparé*, 2002, vol. 54(4), p. 1035.

[12] Ara l-punt 18 ta’ dawn il-konklużjonijiet.

[13] C-689/21, EU:C:2023:53. Għall-qosor, ser nirreferi biss, għal espożizzjoni ta’ din il-ġurisprudenza, għall-punti 29 sa 43 ta’ dawn il-konklużjonijiet.

[14] Ara, f’dan is-sens, is-sentenzi Rottmann, punt 45; Tjebbes *et*, punt 32; Wiener Landesregierung, punti 37 u 51, kif ukoll Udlændinge- og Integrationsministeriet, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata. Din effettivament hija l-applikazzjoni ta’ prinċipju fundamentali tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam taċ-ċittadinanza tal-Unjoni. Ara wkoll, f’dan ir-rigward, il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 41 tas-sentenza Rottmann.

fis-sentenza Micheletti *et*[15], imbagħad ikkjarifikat u kkonfermat fis-sentenza Rottmann[16], għandha ssir distinzjoni bejn l-eżistenza ta' din il-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri u *l-eżerċizzju tagħha* b'osservanza tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni.

34. Barra minn hekk, l-imsemmija kompetenza qatt ma ġiet ikkontestata mill-Qorti tal-Ġustizzja u "il-ksib u t-telf taċ-ċittadinanza (u, għalhekk, taċ-ċittadinanza tal-Unjoni) [ma humiex] *per se* rregolati mid-dritt [tal-Unjoni], iżda l-kundizzjonijiet tal-ksib u tat-telf taċ-ċittadinanza għandhom ikunu kompatibbli mar-regoli [tad-dritt tal-Unjoni] u għandhom jirrispettaw id-drittijiet taċ-ċittadin [tal-Unjoni]"[17]. B'hekk, il-fatt li settur huwa ta' kompetenza tal-Istati Membri ma jipprekludix, f'sitwazzjoni li taqa' b'mod ċar taħt id-dritt tal-Unjoni, li l-leġiżlazzjoni nazzjonali kkonċernata għandha tkun konformi ma' dan tal-aħħar[18]. Fil-fatt, l-Artikolu 20 TFUE ma għandux jiġi prekluż mill-effett utli tiegħu u, għalhekk, id-drittijiet li huwa jagħti liċ-ċittadini tal-Unjoni ma għandhomx jinkisru bl-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tosservax id-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, il-prinċipji li joħorġu mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dan il-qasam[19].

35. It-tieni prinċipju, li ġie stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Rottmann[20], imbagħad ikkonfermat fil-ġurisprudenza sussegwenti tagħha, huwa dak li jgħid li, fil-każ ta' ċittadini tal-Unjoni, l-eżerċizzju tal-kompetenza tal-Istati Membri, sa fejn jaffettwa d-drittijiet mogħtija u protetti mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, huwa suġġett għall-istħarriġ ġudizzjarju fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità[21]. Fi kliem ieħor, leġiżlazzjoni nazzjonali li tistipula t-telf tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni għalhekk tista' tkun konformi mad-dritt tal-Unjoni biss għal raġunijiet leġittimi u b'osservanza ta' dan il-prinċipju. Mill-ġurisprudenza jirriżulta wkoll li, fil-kuntest tal-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità, għandhom jiġu ssodisfatti diversi elementi. Qabel kollox, l-obbligu li jsir eżami individwali tal-konsegwenzi li jġib miegħu t-telf tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni għall-persuna kkonċernata u, jekk ikun il-każ, għall-membri tal-familja tagħha, f'dak li jirrigwarda t-telf ta' drittijiet li għandu kull ċittadin tal-Unjoni[22]; sussegwentement, ir-rekwiżit ta' konformità ta' dawn il-konsegwenzi mad-drittijiet fundamentali protetti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta")[23] u, fl-aħħar nett, f'każ ta' telf *ipso jure* tan-nazzjonalità li jġib miegħu t-telf tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni, l-obbligu li tiġi eżaminata, b'mod inċidentali, il-proporzjonalità tal-konsegwenzi li jġib miegħu dan it-telf u, jekk ikun il-każ, li l-persuna kkonċernata tkun tista' żżomm in-nazzjonalità tagħha jew tirkupraha *ex tunc*[24].

15 Sentenza tas-7 ta' Lulju 1992 (C-369/90, EU:C:1992:295, punt 10).

16 Punti 41, 42 u 45.

17 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Poiares Maduro fil-kawża Rottmann (C-135/08, EU:C:2009:588, punti 23, 24 u 26). Konsegwentement, skont dan l-Avukat Ġenerali, ma huwiex il-każ li minn dan il-prinċipju tiġi dedotta l-impossibbiltà assoluta li tiġi rtirata n-nazzjonalità fil-każ fejn it-telf tagħha jwassal għat-telf tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni, u lanqas li jitqies li l-kundizzjonijiet ta' akkwist u ta' telf tan-nazzjonalità ta' Stat Membru li huwa jiddefinixxi huma esklużi mill-kontroll tad-dritt tal-Unjoni.

18 Sentenza Rottmann, punt 41.

19 Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenzi Rottmann, punti 39, 41 sa 43, 45, 48, 56, 55 u 59; Tjebbes *et*, punti 30, 32, 40 sa 42 u 45, kif ukoll Wiener Landesregierung, punti 44, 59, 61 u 73.

20 Punti 48, 55 u 56.

21 Sentenzi Tjebbes *et*, punt 40; Wiener Landesregierung, punt 58 kif ukoll Udlændinge- og Integrationsministeriet, punt 38.

22 Sentenzi Rottmann, punti 55 u 56; Tjebbes *et*, punt 41; Wiener Landesregierung, punt 59, kif ukoll Udlændinge- og Integrationsministeriet, punt 39.

23 Sentenzi Tjebbes *et*, punt 45; Wiener Landesregierung, punt 61 u Udlændinge- og Integrationsministeriet, punt 55.

24 Sentenzi Tjebbes *et*, punt 42 u Udlændinge- og Integrationsministeriet, punt 40.

36. Fir-rigward, b'mod partikolari, ta' dan l-aħħar element, is-sentenza Udlændinge- og Integrationsministeriet jidhirli li hija partikolarment rilevanti inkwantu hija l-ewwel darba li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet dwar it-terminu li fih huwa possibbli li titressaq talba għaż-żamma jew għall-irkupru tan-nazzjonalità ta' Stat Membru.

*2. Is-sentenza Udlændinge- og Integrationsministeriet*

37. Fil-kawża li wasslet għas-sentenza Udlændinge- og Integrationsministeriet[25], qorti Daniża xtaqet tkun taf jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar in-nazzjonalità kinitx konformi mal-Artikolu 20 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 7 tal-Karta.

38. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat il-ġurisprudenza preċedenti tagħha. Hija b'hekk enfasizzat li meta t-telf tan-nazzjonalità ta' Stat Membru sseħħ *ipso jure* f'età partikolari u twassal għat-telf tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni u tad-drittijiet marbuta miegħu, l-awtoritajiet u l-qrati nazzjonali kompetenti għandhom ikunu f'pożizzjoni li jeżaminaw il-konsegwenzi li jġib miegħu dan it-telf ta' nazzjonalità fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni u, jekk ikun il-każ, jippermettu lil din il-persuna żżomm in-nazzjonalità tagħha jew tirkupraha *ex tunc*[26].

39. B'mod partikolari, fir-rigward tat-terminu sabiex tressaq talba għal tali eżami għall-finijiet taż-żamma jew tal-irkupru tan-nazzjonalità, il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat li fl-assenza ta' terminu preċiż stabbilit mid-dritt tal-Unjoni għal dan il-għan, kull Stat Membru għandu jirregola l-modalitajiet proċedurali intiżi biex jiżguraw il-protezzjoni tad-drittijiet li l-individwi jgawdu taħt id-dritt tal-Unjoni sakemm dawn il-modalitajiet josservaw il-prinċipju ta' effettività sa fejn ma jirrendux prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni. L-Istati Membri jistgħu, f'dan ir-rigward, jitolbu, fl-interess tal-prinċipju ta' ċertezza legali, li tali talba għandha titressaq quddiem l-awtoritajiet kompetenti fil-limiti ta' terminu raġonevoli[27].

40. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat ukoll li, fid-dawl tal-konsegwenzi serji li jġib miegħu t-telf tan-nazzjonalità ta' Stat Membru, meta dan iwassal għat-telf tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni, għall-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet li dan tal-aħħar jislet mill-Artikolu 20 TFUE, ma jistgħux jitqiesu li huma konformi mal-prinċipju ta' effettività, regoli jew prattiki nazzjonali li jista' jkollhom l-effett li jipprekludu lill-persuna kkonċernata milli titlob li tiġi eżaminata n-natura proporzjonata ta' dawn il-konsegwenzi fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li peress li din il-persuna ma ġietx debitament informata bid-dritt li titlob tali eżami kif ukoll bit-terminu li fih hija kellha tressaq tali talba, it-talba tagħha ma tistax titqies inammissibbli minħabba li dan it-terminu skada[28].

41. Huwa għalhekk fid-dawl ta' dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali li għandu jiġi eżaminat it-telf tan-nazzjonalità previst mil-leġiżlazzjoni fil-kawża prinċipali li jwassal għat-telf tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni.

[25] Infakkar li, il-kawża li wasslet għal din is-sentenza kienet tirrigwarda s-sitwazzjoni ta' ċittadina mwielda fl-Istati Uniti tal-Amerika minn omm Daniża u missier Amerikan u li kellha, sa mit-twelid tagħha, in-nazzjonalità doppja Daniża u Amerikana. Wara li għalqet 22 sena, hija ressqet quddiem l-Udlændinge- og Integrationsministeriet (il-Ministeru għall-Immigrazzjoni u għall-Integrazzjoni, id-Danimarka) talba għaż-żamma tan-nazzjonalità Daniża tagħha. Permezz ta' deċiżjoni tal-Ministeru kompetenti, hija ġiet infurmata li kienet tilfet in-nazzjonalità Daniża tagħha fl-età ta' 22 sena u li ż-żamma tan-nazzjonalità tagħha ma setgħetx tingħata inkwantu hija kienet ressqet it-talba tagħha wara li kienet laħqet din l-età.

[26] Sentenza Udlændinge- og Integrationsministeriet, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata.

[27] Sentenza Udlændinge- og Integrationsministeriet, punti 41 u 43 u l-ġurisprudenza ċċitata.

[28] Sentenza Udlændinge- og Integrationsministeriet, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata.

### *B. Fuq l-applikazzjoni tal-prinċipji ġurisprudenzjali f'dan il-każ*

42. Qabel kollox infakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat diversi drabi li l-Artikolu 20 TFUE jagħti lil kull persuna li għandha n-nazzjonalità ta' Stat Membru l-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni, li huwa intiż biex ikun l-istatus fundamentali taċ-ċittadini tal-Istati Membri[29]. Dan ifisser, minn naħa, li n-nazzjonalità ta' Stat Membru hija l-prerekwiżit għat-tgawdija tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni li miegħu huma marbuta d-dmirijiet u d-drittijiet previsti mit-Trattat FUE[30] u, min-naħa l-oħra, li, f'sitwazzjonijiet bħal dawk fil-kawżi prinċipali, it-telf ta' dan l-istatus jikkostitwixxi r-rabta mad-dritt tal-Unjoni.

43. F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju tikkonstata li l-irkupru tan-nazzjonalità Torka mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali seħħ qabel id-dħul fis-seħħ tal-Artikolu 25 tal-iStAG, bil-konsegwenza tat-telf awtomatiku tan-nazzjonalità Ġermaniża tagħhom u, għalhekk, tal-istatus tagħhom ta' ċittadini tal-Unjoni[31].

44. Huwa għalhekk ċar li t-telf tan-nazzjonalità ta' Stat Membru miċ-ċittadini tal-Unjoni li, bħar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, għandhom nazzjonalità ta' Stat Membru wieħed biss u li, minħabba dan it-telf, jiffaċċjaw it-telf tal-istatus mogħti mill-Artikolu 20 TFUE kif ukoll tad-drittijiet marbuta miegħu, jaqa', minħabba n-natura tiegħu u l-konsegwenzi tiegħu, taħt id-dritt tal-Unjoni[32]. B'hekk, skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Istati Membri għandhom, fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħhom fil-qasam tan-nazzjonalità, josservaw id-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, il-prinċipju ta' proporzjonalità[33].

#### *1. Fuq il-leġittimità tar-raġuni ta' interess ġenerali li għandha tintlaħaq mill-Artikolu 25 tal-iStAG*

45. Infakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li huwa leġittimu li Stat Membru jkun irid jipproteġi r-relazzjoni partikolari ta' solidarjetà u ta' lealtà bejnu u bejn iċ-ċittadini tiegħu kif ukoll ir-reċiproċità tad-drittijiet u tad-dmirijiet, li huma l-bażi tar-rabta ta' nazzjonalità[34]. Hija qieset li huwa wkoll leġittimu li Stat Membru, fl-eżerċizzju tal-kompetenza tiegħu li tippermettilu jiddefinixxi l-kundizzjonijiet ta' akkwist u ta' telf tan-nazzjonalità, iqis li n-nazzjonalità tirrifletti espressjoni ta' rabta effettiva bejnu u bejn iċ-ċittadini tiegħu, u li jorbot konsegwentement l-assenza jew it-tmiem ta' tali rabta effettiva mat-telf tan-nazzjonalità tiegħu[35].

46. F'dan il-każ, skont l-Artikolu 25(1) tal-iStAG, iċ-ċittadini Ġermaniżi jitilfu n-nazzjonalità tagħhom *ipso jure* meta jakkwistaw b'mod volontarju n-nazzjonalità ta' pajjiż terz, sakemm ma jiksbux l-awtorizzazzjoni li jżommu n-nazzjonalità tagħhom qabel l-akkwist tan-nazzjonalità barranija.

[29] Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-20 ta' Settembru 2001, Grzelczyk (C-184/99, EU:C:2001:458, punt 31), u Udlændinge- og Integrationsministeriet, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata.

[30] L-ewwel inċiż tal-Artikolu 20(2) TFUE.

[31] Ara l-punti 28 sa 31 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[32] Sentenza Udlændinge- og Integrationsministeriet, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata.

[33] Sentenza Udlændinge- og Integrationsministeriet, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata.

[34] Sentenzi Rottmann, punt 51; Tjebbes *et*, punt 33; Wiener Landesregierung, punt 52, kif ukoll Udlændinge- og Integrationsministeriet, punt 31.

[35] Sentenzi Tjebbes *et*, punt 35, u Udlændinge- og Integrationsministeriet, punt 32.

47. Nosserva li l-qorti tar-rinviju ma tispjegax, apparti li ssemmi, fl-espożizzjoni tagħha tal-qafas ġuridiku, l-Artikolu 7(1)(a) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar in-Nazzjonalità[36], ir-raġuni jew ir-raġunijiet ta' interess ġenerali li għandhom jintlaħqu mill-Artikolu 25(1) tal-iStAG. Madankollu, peress li l-imsemmija dispożizzjoni ma tistax tkun konformi mad-dritt tal-Unjoni jekk ma jkollhiex għan leġittimu ta' interess ġenerali, hemm lok li tiġi eżaminata fid-dawl tal-osservazzjonijiet tal-Gvern Ġermaniż.

48. Kif indikaw il-belt ta' Krefeld u dan il-Gvern, kif ukoll kif jirriżulta mill-espożizzjoni tal-motivi tal-Liġi li tirriforma d-dritt dwar in-Nazzjonalità tal-15 ta' Lulju 1999, l-Artikolu 25 tal-iStAG huwa intiż, b'mod partikolari, sabiex jipprevjeni diversi nazzjonalitajiet[37]. Il-Gvern Ġermaniż jispjega, barra minn hekk, li l-ġurisprudenza tal-Bundesverfassungsgericht (il-Qorti Kostituzzjonali Federali, il-Ġermanja) qieset li l-għażla tal-leġiżlatur li jopponi diversi nazzjonalitajiet b'mod *illimitat* mhux ser tiġi kkritikata[38].

49. F'dan ir-rigward, ftit hemm dubju li sistema bħal dik prevista f'din id-dispożizzjoni taqa' fl-eżerċizzju tal-kompetenza tal-Istati Membri relatata mad-definizzjoni tal-kundizzjonijiet tal-akkwist u tat-telf tan-nazzjonalità u li, fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' din il-kompetenza, huwa leġittimu għal Stat Membru, bħar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, li tqis li f'ċerti każijiet għandhom jiġu evitati l-effetti tal-pussess ta' diversi nazzjonalitajiet[39].

50. Il-leġittimità, essenzjalment, ta' dan l-għan hija kkorroborata mill-Artikolu 7(1)(a) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar in-Nazzjonalità li jistipula li Stat kontraenti ma jistax jistabbilixxi fid-dritt nazzjonali tiegħu t-telf tan-nazzjonalità tiegħu *ipso jure* jew fuq inizjattiva tiegħu, ħlief, b'mod partikolari, fil-każ ta' *akkwist volontarju* ta' nazzjonalità oħra[40]. Skont r-Rapport ta' Spjega ta' din il-Konvenzjoni, il-kwistjoni dwar jekk il-persuni li jakkwistaw b'mod volontarju nazzjonalità oħra humiex awtorizzati jżommu n-nazzjonalità preċedenti tagħhom tiddependi mis-sitwazzjoni partikolari ta' kull Stat[41].

[36] Konvenzjoni Ewropea dwar in-Nazzjonalità adottata fis-6 ta' Novembru 1997 fil-kuntest tal-Kunsill tal-Ewropa u li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2000. Din il-Konvenzjoni hija applikabbli għall-Ġermanja mill-1 ta' Settembru 2005. Skont l-Artikolu 7(1)(a) tagħha, "Stat kontraenti ma jistax jistabbilixxi fid-dritt nazzjonali tiegħu t-telf tan-nazzjonalità tiegħu *ipso jure* jew fuq inizjattiva tiegħu, ħlief fil-każijiet segwenti: kisba volontarja ta' nazzjonalità oħra" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

[37] F'dak li jirrigwarda dan il-għan, minkejja li d-diversi nazzjonalitajiet għandhom ikunu l-eċċezzjoni, id-duttrina tenfasizza li n-nazzjonalità doppja llum hija ġeneralment aċċettata iktar. Skont dawn l-awturi, "fil-prattika, kien hemm żieda qawwija ta' naturalizzazzjoni bir-rikonoxximent tan-nazzjonalità doppja". Ara, f'dan ir-rigward, Farahat, A. u Hailbronner, K., *op. cit.*, p. 9, 18 u 32. Barra minn hekk, mid-deċiżjonijiet tar-rinviju jirriżulta li l-Konvenzjoni tas-6 ta' Mejju 1963 dwar it-Tnaqqis tal-Każijiet ta' Diversi Nazzjonalitajiet u dwar l-Obbligi Militari f'każ ta' Diversi Nazzjonalitajiet, li daħlet fis-seħħ għar-Repubblika Federali tal-Ġermanja fit-18 ta' Diċembru 1969, ma baqgħetx applikabbli fil-Ġermanja b'effett mill-21 ta' Diċembru 2002 minħabba r-rinunzja tagħha. F'dawn ir-rigward, diversi awturi jispjegaw li r-riforma tar-RuStAG kienet akkumpanjata bid-deċiżjoni ta' rinunzja ta' din il-Konvenzjoni, li tistipula aċċettazzjoni limitata tan-nazzjonalità doppja.

[38] Il-Gvern Ġermaniż jiċċita d-deċiżjoni tat-8 ta' Diċembru 2006, 2 BvR 1339/06, DE:BVerfG:2006:rk20061208.2bvr133906, punt 14. Dan il-gvern jindika li mill-ġurisprudenza nazzjonali jirriżulta wkoll li, mir-riforma tar-RuStAG, l-eliminazzjoni ta' diversi nazzjonalitajiet ma għadhiex prijorità. Ara Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali), sentenza tal-10 ta' April 2008, 5 C 28.07, DE:BVerwG:2008:100408U5C28.07.0, punt 21.

[39] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Tjebbes *et*, punt 34, u Wiener Landesregierung, punt 54. Anki jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tuża fil-ġurisprudenza tagħha t-terminu "effetti avversi", nammetti li għandi dubji dwar ir-rilevanza li jiġu kklassifikati, b'mod ġenerali, bħala effetti "avversi" l-konsegwenzi tal-pussess, minn ċittadin ta' Stat Membru, ta' diversi nazzjonalitajiet.

[40] Ir-Rapport ta' Spjega ta' din il-Konvenzjoni (Kunsill tal-Ewropa, Serje tat-Trattati Ewropej, Nru 166, p. 11) jindika li "[l-Artikolu 7(1)(a)] jippermetti lill-Istati Kontraenti li jistipulaw it-telf tan-nazzjonalità tagħhom f'każ ta' akkwist volontarju ta' nazzjonalità oħra. Il-kelma 'volontarju' tindika li l-persuna kkonċernata tkun kisbet din in-nazzjonalità minn jeddha u mhux b'mod awtomatiku (*ipso jure*)".

[41] Minn dan ir-rapport jirriżulta li, f'ċerti Stati, speċjalment meta ħafna persuni jixtiequ jakkwistaw jew akkwistaw in-nazzjonalità tagħhom, jista' jitqies li ż-żamma ta' nazzjonalità oħra tista' tkun ta' ostakolu għall-integrazzjoni kompleta ta' dawn il-persuni. Min-naħa l-oħra, Stati Membri oħra jistgħu jippreferu jiffaċilitaw l-akkwist tan-nazzjonalità tagħhom billi jippermettu lill-persuni kkonċernati li jżommu n-nazzjonalità ta' oriġini tagħhom u li jiffavorixxu, bl-istess mod, l-integrazzjoni tagħhom fil-pajjiż ospitanti, b'mod partikolari sabiex jippermettu lil dawn il-persuni jżommu n-nazzjonalità ta' membri oħra tal-familja tagħhom jew sabiex jiffaċilitaw ir-ritorn tagħhom fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom jekk ikunu jixtiequ (Rapport ta' Spjega, p. 3).

51. F'dan ir-rigward, nirrileva li d-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix li Stat Membru jistipula li l-evalwazzjoni tal-eżistenza jew tal-assenza ta' rabta effettiva miegħu tistrieħ fuq it-teħid inkonsiderazzjoni ta' kriterju, bħal dak li jinsab fl-Artikolu 25(1) tal-iStAG, ibbażat fuq l-akkwist volontarju ta' nazzjonalità ta' pajjiż terz mill-persuna kkonċernata, u lanqas li, f'kuntest leġiżlattiv intiż, bħala regola, biex jevita diversi nazzjonalitajiet, dan l-Istat Membru jitlob lil din il-persuna ssegwi proċedura speċifika, bħal dik li tinsab fl-Artikolu 25(2) tal-iStAG, meta tixtieq iżżomm in-nazzjonalità Ġermaniża.

52. F'dawn iċ-ċirkustanzi, inqis, bħall-Gvern Ġermaniż u dak Estonjan kif ukoll il-Kummissjoni, li fiċ-ċirkustanzi tal-kawżi prinċipali, id-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix, bħala regola, li, fis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 25 tal-iStAG, Stat Membru jistipula, għal raġunijiet ta' interess ġenerali, it-telf *ipso jure* tan-nazzjonalità meta ċ-ċittadini tiegħu jakkwistaw b'mod volontarju n-nazzjonalità ta' pajjiż terz, anki meta dan it-telf iġib miegħu, għall-persuna kkonċernata, it-telf tal-istatus tiegħu ta' ċittadin tal-Unjoni.

53. Madankollu, sabiex leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tistipula t-telf tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni, tista' tkun konformi mad-dritt tal-Unjoni, hija mhux biss għandha tkun intiża għal raġunijiet leġittimi ta' interess ġenerali, iżda għandha tosserva wkoll il-prinċipju ta' proporzjonalità.

*2. Fuq il-kontroll tal-proporzjonalità tal-konsegwenzi li jġib miegħu t-telf tan-nazzjonalità fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni*

54. Għalkemm, kif għadni kemm spjegajt, id-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix, bħala regola, il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, infakkar li madankollu minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, fid-dawl tal-importanza li d-dritt primarju tal-Unjoni jagħti lill-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni, li jikkostitwixxi l-istatus fundamentali taċ-ċittadini tal-Istati Membri, huma l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-qrati nazzjonali li għandhom jivverifikaw jekk it-telf tan-nazzjonalità tal-Istat Membru kkonċernat, meta jwassal għat-telf tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni u tad-drittijiet li jirriżultaw minnu, josservax il-prinċipju ta' proporzjonalità f'dak li jirrigwarda l-konsegwenzi tiegħu fuq is-sitwazzjoni tal-persuna kkonċernata u, jekk ikun il-każ, fuq dik tal-membri tal-familja tiegħu, fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni [42].

55. Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza jirriżulta li t-telf *ipso jure* tan-nazzjonalità ta' Stat Membru huwa inkompatibbli mal-prinċipju ta' proporzjonalità jekk ir-regoli nazzjonali rilevanti ma kinux jippermettu, f'ebda mument, eżami individwali tal-konsegwenzi li jġib miegħu dan it-telf għall-persuni kkonċernati fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni [43].

56. F'dan il-każ, infakkar li, skont l-Artikolu 25(2) tal-iStAG, iċ-ċittadini Ġermaniżi li jixtiequ jakkwistaw b'mod volontarju n-nazzjonalità ta' pajjiż terz jistgħu jressqu applikazzjoni sabiex iżommu n-nazzjonalità Ġermaniża tagħhom fil-kuntest tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni minn qabel li tistipula li, waqt it-teħid ta' deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni, l-interessi pubbliċi u privati għandhom jiġu bbilanċjati mill-awtorità kompetenti.

[42] Sentenzi Rottmann, punti 55 u 56; Tjebbes *et*, punt 40; Wiener Landesregierung, punt 58, kif ukoll Udlændinge- og Integrationsministeriet, punt 38. Ara, ukoll, il-punt 41 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[43] Sentenzi Tjebbes *et*, punt 41, kif ukoll Udlændinge- og Integrationsministeriet, punt 39.

57. Il-kwistjoni tqum, qabel kollox, jekk l-eżami tal-proporzjonalità rikjest mid-dritt tal-Unjoni ma jistax isir mill-awtoritajiet kompetenti ħlief f'mument partikolari, jiġifieri, f'dan il-każ, qabel it-telf *ipso jure* tan-nazzjonalità u, għalhekk, tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni, fil-kuntest tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni minn qabel.

58. Din il-kwistjoni ma tqajjimx diffikultajiet. Fil-fatt, fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 55 ta' dawn il-konklużjonijiet, bħala regola, huwa possibbli għal Stat Membru, bħar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, li jistipula li l-eżami tal-proporzjonalità għandu jsir fil-kuntest speċifiku ta' proċedura ta' awtorizzazzjoni minn qabel, bħal dik prevista fl-Artikolu 25(2) tal-iStAG. Madankollu, kif jirriżulta minn din il-ġurisprudenza, din id-dispożizzjoni għandha, sabiex tkun kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, tiżgura d-dritt li jkun hemm eżami individwali tal-proporzjonalità tal-konsegwenzi li jġib miegħu, għall-persuni kkonċernati u, jekk ikun il-każ, għall-membri tal-familja tagħhom, it-telf tan-nazzjonalità Ġermaniża fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni.

59. Il-qorti tar-rinviju ma hijiex ċerta li dan huwa l-każ fil-każ inkwistjoni. Nammetti li anki jien sibt diffikultà biex nifhem kif din il-proċedura tirrelata mal-prinċipju ta' proporzjonalità u, b'mod iktar preċiż, kif l-applikazzjoni tal-imsemmija proċedura tiżgura d-dritt li jkun hemm l-eżami individwali mitlub mid-dritt tal-Unjoni. Fl-argumenti li ġejjin, ser inkun qed nanalizza għalhekk, minn naħa, il-modalitajiet proċedurali previsti fl-Artikolu 25(2) tal-iStAG, u, min-naħa l-oħra, il-portata sostantiva tal-eżami ta' proporzjonalità li tistipula din id-dispożizzjoni.

*a) Fuq il-modalitajiet proċedurali previsti fl-Artikolu 25(2) tal-iStAG*

60. Infakkar li l-Artikolu 25(2) tal-iStAG jistipula l-possibbiltà li tinżamm in-nazzjonalità Ġermaniża jekk, *qabel ma tinkiseb* in-nazzjonalità ta' pajjiż terz, il-persuna kkonċernata *tkun kisbet* awtorizzazzjoni bil-miktub mill-awtorità kompetenti sabiex iżżomm in-nazzjonalità tagħha.

61. Il-kwistjoni għalhekk tqum dwar jekk, fil-kuntest tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni minn qabel, il-kundizzjonijiet *ratione temporis* rikjesti għall-introduzzjoni tal-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni u għall-kisba tal-awtorizzazzjoni humiex kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. Sabiex ikun hekk, dawn il-kundizzjonijiet ma għandhomx jipprekludu lill-persuni kkonċernati milli jeżerċitaw b'mod effettiv id-drittijiet li jirriżultaw mill-istatus tagħhom ta' ċittadin tal-Unjoni.

62. Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-kundizzjoni *ratione temporis* marbuta mal-*introduzzjoni tal-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni*, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Istati Membri jistgħu jitolbu, għal finijiet tal-prinċipju ta' ċertezza legali, li applikazzjoni għaż-żamma jew għall-irkupru tan-nazzjonalità għandha titressaq quddiem l-awtoritajiet kompetenti fil-limiti ta' terminu raġonevoli[44].

63. Fl-opinjoni tiegħi, minn dan jirriżulta li r-rekwiżit li applikazzjoni għal awtorizzazzjoni minn qabel sabiex tinżamm in-nazzjonalità ta' Stat Membru titressaq qabel l-akkwist tan-nazzjonalità ta' pajjiż terz, kif jistipula l-Artikolu 25(2) tal-iStAG, jidher li jissodisfa l-kundizzjoni ta' terminu raġonevoli fis-sens tal-imsemmija ġurisprudenza, peress li din ma tipprekludix, bħala regola,

44 Sentenza Udlændinge- og Integrationsministeriet, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata. Ara, ukoll, il-punti 38 *et seq.* ta' dawn il-konklużjonijiet.

liċ-ċittadini kkonċernati milli jeżerċitaw id-dritt tagħhom sabiex l-awtoritajiet kompetenti jwettqu l-eżami individwali tal-proporzjonalità tal-konsegwenzi li jġib miegħu t-telf tan-nazzjonalità fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni.

64. Minkejja dan, għandi nirrileva li l-qari tad-deċiżjonijiet tar-rinviju, tal-osservazzjonijiet tar-rikorrenti fil-kawżi prinċipali fil-Kawża C-686/22, kif ukoll dawk tal-Kummissjoni, jiżvela inċertezza dwar il-fatt jekk ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali kinux ġew debitament infurmati dwar il-konsegwenzi tal-irkupru tan-nazzjonalità Torka fuq is-sitwazzjoni tagħhom u dik tal-familji tagħhom fil-kuntest leġiżlattiv speċifiku tar-riforma tar-RuStAG.

65. Fil-fatt, ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali jindikaw li, waqt l-introduzzjoni tal-applikazzjoni tagħhom għall-irkupru tan-nazzjonalità Torka, il-leġiżlazzjoni fis-seħħ kienet tawtorizzahom jirkupraw din in-nazzjonalità. Konsegwentement, ma kien hemm ebda raġuni għalfejn *iressqu applikazzjoni għal awtorizzazzjoni minn qabel*. Huma jirrilevaw ukoll li l-bidla fis-sistema legali ma ġietx spjegata b'mod ċar jew miġjuba għall-konjizzjoni tagħhom. Kien wara li ressqu l-applikazzjoni tagħhom għall-irkupru tan-nazzjonalità Torka li ġiet emendata r-RuStAG u li l-possibbiltà għaċ-ċittadini Ġermaniżi li jirrisjedu fit-territorju nazzjonali li *jiksbu* n-nazzjonalità doppja ġiet irtirata u limitata. Dawn l-osservazzjonijiet jirrikjedu xi rimarki.

66. L-ewwel nett, fid-dawl tal-ġurisprudenza [45], jidhirli li huwa pjuttost kredibbli, fid-dawl tad-dati tal-irkupru tan-nazzjonalità Torka indikati mill-qorti tar-rinviju, taħt l-Artikolu 25 tal-iStAG, li r-rikorrenti fil-kawżi prinċipali *ma kellhomx aċċess effettiv* għall-eżami individwali tas-sitwazzjoni tagħhom fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni.

67. Fil-fatt, kif korrettament indikat il-Kummissjoni, għandu jiġi kkunsidrat il-fatt li, minn naħa, is-sitwazzjoni legali fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 1999 *la kienet tistipula u lanqas, jekk ikun il-każ, ma kienet tawtorizza t-tressiq ta' applikazzjoni* sabiex tinżamm in-nazzjonalità Ġermaniża f'każ ta' riintegrazzjoni fin-nazzjonalità Torka għaċ-ċittadini Ġermaniżi residenti fit-territorju nazzjonali. Min-naħa l-oħra, u kif tikkonstata l-qorti tar-rinviju, matul il-perijodu bejn id-dħul fis-seħħ tal-verżjoni emendata, l-1 ta' Jannar 2000, u r-riintegrazzjoni fin-nazzjonalità Torka, *ma kien hemm l-ebda possibbiltà* li tinbeda u titmexxa effettivament tali proċedura f'dak li jirrigwarda, b'mod partikolari, il-persuni li jkunu ġew riintegrati fin-nazzjonalità Torka fil-bidu tas-sena 2000, kif inhu l-każ tar-rikorrenti [46]. B'hekk, uħud mill-persuni kkonċernati setgħu kienu preklużi, qabel it-telf tan-nazzjonalità Ġermaniża, mill-possibbiltà li jkollhom aċċess effettiv għall-eżami tas-sitwazzjoni individwali rikjest mid-dritt tal-Unjoni, u dan għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju [47].

[45] Sentenza Udlændinge- og Integrationsministeriet, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata. Ara l-punt 38 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[46] Skont ċerti awturi tad-duttrina, id-dħul fis-seħħ tal-Artikolu 25 tal-iStAG temm l-abbuż ta' din il-lakuna leġiżlattiva li tirrigwarda l-applikazzjoni tal-klawżola relatata mat-territorju nazzjonali "iżda, sfortunatament, din l-emenda legali *ma ġietx innotata* minn diversi ċittadini Torok u, ovvjament, lanqas mill-awtoritajiet Torok. Għalhekk huwa stmat li, filwaqt li rkupraw in-nazzjonalità Torka tagħhom, 40 000 Tork tilfu n-nazzjonalità Ġermaniża tagħhom, *kważi mingħajr ma kienu jafu*, wara d-dħul fis-seħħ (tal-iStAG)", Farahat, A., u Hailbronner, K., op. cit., p. 26. Korsiv miżjud minni. Dwar din is-sitwazzjoni, ara, ukoll, McFadden, S.W., op. cit., p. 80. Fl-opinjoni tiegħi, huwa diffiċli li tali miżuri jaqblu mas-solidarjetà intiża biex fuqha tinbena r-relazzjoni bejn Stat Membru u ċ-ċittadini tiegħu stess, irrispettivament mill-fatt li, bħal f'dan il-każ, in-nazzjonalità kienet inkisbet permezz ta' naturalizzazzjoni fil-kuntest partikolari tal-eżistenza ta' lakuna leġiżlattiva li tirrigwarda l-applikazzjoni tal-klawżola relatata mat-territorju nazzjonali.

[47] B'mod partikolari, mill-kuntest ġuridiku espost mill-qorti tar-rinviju jirriżulta li l-Artikolu 38 tal-Gesetz über den Aufenthalt, die Erwerbstätigkeit und die Integration von Ausländern im Bundesgebiet (il-Liġi relatata mar-Residenza, mal-Attività Professjonali u mal-Integrazzjoni tal-Barranin fit-Territorju Federali), tal-25 ta' Frar 2008, (BGBl. I, p. 162), jistipula li ex ċittadin Ġermaniż għandu jingħata titolu ta' resident permanenti jew permess ta' residenza jekk, fil-mument tat-telf tan-nazzjonalità Ġermaniża, huwa jissodisfa ċerti kundizzjonijiet. Skont ċerti awturi tad-duttrina, dan l-artikolu ġie introdott mil-leġiżlatur sabiex jagħti dan it-tip ta' permessi "liċ-ċittadini Torok li tilfu *b'mod involontarju* n-nazzjonalità Ġermaniża tagħhom, filwaqt li ħasbu li setgħu jirkupraw in-nazzjonalità Torka tagħhom", Farahat, A., u Hailbronner, K., op. cit., p. 26. Korsiv miżjud minni.

68. It-tieni nett, fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, fl-opinjoni tiegħi huwa possibbli, fid-dawl tal-konsegwenzi gravi li jġib miegħu t-telf tan-nazzjonalità ta' Stat Membru, li jintalab li l-awtoritajiet u l-qrati nazzjonali *jinfurmaw debitament* lill-persuni kkonċernati, minn naħa, bil-fatt li eventwali akkwist jew irkupru tan-nazzjonalità ta' pajjiż terz iwassal għat-telf tan-nazzjonalità Ġermaniża u, min-naħa l-oħra, bil-proċedura ta' awtorizzazzjoni minn qabel li tippermetti li jintalab li tinżamm din in-nazzjonalità kif ukoll bit-terminu li fih dawn għandhom iressqu tali applikazzjoni.

69. F'dan il-każ, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tistabbilixxi, b'mod partikolari, fid-dawl tal-fatt li r-rikorrenti fil-kawżi prinċipali kellhom jirrinunzjaw għan-nazzjonalità Torka tagħhom biex jakkwistaw in-nazzjonalità Ġermaniża matul perijodu ta' riforma leġiżlattiva, jekk jistgħux jitqiesu bħala li ġew debitament infurmati[48].

70. Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-kundizzjoni marbuta mal-*kisba tal-awtorizzazzjoni* sabiex tinżamm in-nazzjonalità Ġermaniża, imposta fl-Artikolu 25(2) tal-iStAG, nirrileva li din id-dispożizzjoni tistipula l-mument tal-kisba tan-nazzjonalità ta' pajjiż terz bħala li huwa l-mument fejn jiskadi t-terminu mhux biss sabiex titressaq l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni sabiex tinżamm in-nazzjonalità Ġermaniża, iżda wkoll il-kisba ta' din l-awtorizzazzjoni. Konsegwentement, jekk tali applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għadha ma hijiex ittrattata mill-awtoritajiet kompetenti Ġermaniżi fid-data li fiha l-awtoritajiet tal-pajjiż terz jagħtu d-deċiżjoni tagħhom, din ma tistax tiġi eżaminata iktar, li jfisser it-telf tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni mingħajr ma l-persuni kkonċernati jkollhom il-possibbiltà ta' aċċess b'mod effettiv għall-eżami tal-proporzjonalità rikjesta mid-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, tali telf jiddependi, fil-prattika, minn diversi fatturi bħall-ħeffa tal-ibbilanċjar tal-interessi pubbliċi u privati magħmula mill-awtoritajiet kompetenti Ġermaniżi u l-ipproċessar rapidu tal-applikazzjoni għall-akkwist tan-nazzjonalità mill-awtoritajiet tal-pajjiż terz. Minkejja dan, għandi nirrileva li d-dispożizzjoni inkwistjoni ma tirrikjedix li l-persuna kkonċernata tkun ressqet applikazzjoni għall-akkwist tan-nazzjonalità ta' pajjiż terz fl-istess ħin li hija tressaq applikazzjoni għal awtorizzazzjoni sabiex iżżomm in-nazzjonalità Ġermaniża. Konsegwentement, bħala regola, din il-problema ma għandhiex tqum sa fejn il-persuna għandha tistenna li tikseb id-deċiżjoni tal-awtoritajiet Ġermaniżi dwar l-awtorizzazzjoni sabiex tinżamm in-nazzjonalità qabel ma tressaq applikazzjoni sabiex tikseb in-nazzjonalità ta' pajjiż terz.

71. Barra minn hekk, sa fejn ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali ħasbu li setgħu jżommu ż-żewġ nazzjonalitajiet, dik Ġermaniża u dik Torka, kif kien jippermetti l-Artikolu 25 tar-RuStAG (applikabbli sal-31 ta' Diċembru 1999) għaċ-ċittadini Ġermaniżi li jirrisjedu fil-Ġermanja, naqbel mal-pożizzjoni tal-Kummissjoni dwar il-fatt li kien "opportun" li tiġi prevista sistema tranżitorja għal dan il-għan. Tali sistema kienet tippermetti lill-persuni li ressqu applikazzjoni tagħhom għall-irkupru tan-nazzjonalità Torka taħt il-liġi fis-seħħ qabel l-1 ta' Jannar 2000, iżda li kisbu din in-nazzjonalità wara din id-data, li jibdew, *b'mod effettiv*, il-proċedura ta' awtorizzazzjoni minn qabel prevista fl-Artikolu 25 tal-iStAG. Fid-dawl tal-konsegwenzi serji li jġib miegħu t-telf tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni għall-persuni kkonċernati, in-nuqqas ta' tali sistema tranżitorja huwa, fl-opinjoni tiegħi, inkompatibbli mal-prinċipju ta' effettività.

72. Għalhekk, fid-dawl tal-konsegwenzi serji li jġib miegħu t-telf tan-nazzjonalità Ġermaniża u, għalhekk, tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni tar-rikorrenti fil-kawżi prinċipali, kemm *l-applikazzjoni* f'dan il-każ ta' modalitajiet proċedurali, bħall-kundizzjonijiet *ratione temporis*

[48] Ara, f'dan ir-rigward, il-punt 71 ta' dawn il-konklużjonijiet.

previsti fl-Artikolu 25(2) tal-iStAG, kif ukoll *l-assenza ta' tali sistema tranżitorja* jidhirli li huma inkompatibbli mal-prinċipju ta' effettività, sa fejn dawn il-modalitajiet jew in-nuqqas tagħhom jillimitaw id-dritt tar-rikorrenti li jiksbu l-eżami tal-proporzjonalità.

*b) Fuq il-portata ratione materiae tal-eżami individwali previst fl-Artikolu 25(2) tal-iStAG*

73. Kuntrarjament għal dak li tiddikjara l-belt ta' Krefeld u l-Gvern Ġermaniż, il-qorti tar-rinviju tindika li minkejja l-kliem tal-Artikolu 25(2) tal-iStAG, waqt ir-rifjut ta' applikazzjoni għal awtorizzazzjoni minn qabel sabiex tinżamm in-nazzjonalità Ġermaniża mill-awtoritajiet kompetenti, l-eżami individwali tal-proporzjonalità tal-konsegwenzi li jġib miegħu t-telf tan-nazzjonalità Ġermaniża fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni ma huwa, fil-prattika, magħmul la minn dawn l-awtoritajiet u lanqas mill-qrati nazzjonali.

74. Fl-ewwel lok, nirrileva li jekk, wara l-verifiki tal-qorti tar-rinviju, jidher li dan kien il-każ, is-sempliċi eżistenza formali jew teoretika ta' dan l-eżami fil-kuntest tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni minn qabel, mingħajr ma dan l-eżami ma jkun sar fil-prattika, ma huwiex biżżejjed sabiex jiżgura l-kompatibbiltà ta' din il-proċedura mal-Artikolu 20 TFUE. F'dan il-każ, mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja[49] jirriżulta li din il-qorti għandha tkun f'pożizzjoni li tirrikjedi lill-awtoritajiet nazzjonali jwettqu dan l-eżami jew teżamina hi stess il-konsegwenzi li jġib miegħu t-telf tan-nazzjonalità Ġermaniża għall-persuni kkonċernati u, jekk ikun il-każ, tippermettilhom li jżommu din in-nazzjonalità jew li jirkuprawha *ex tunc*[50].

75. Minkejja dan, il-Gvern Ġermaniż isostni, f'dan ir-rigward, li l-Artikolu 25(2) tal-iStAG jippermetti eżami komplet tas-sitwazzjoni legali tal-persuna kkonċernata u li l-fatt li jiġu kkunsidrati mhux biss interessi pubbliċi, iżda wkoll interessi privati sabiex in-nazzjonalità Ġermaniża tinżamm jimplika neċessarjament li għandu jiġi kkunsidrat l-interess li jinżamm l-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni. Jekk il-qorti tar-rinviju tqis, kif jindika dan il-Gvern, li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jagħmlu l-eżami individwali tal-konsegwenzi li jġib miegħu t-telf tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni rikjest mid-dritt tal-Unjoni, hija għandha tivverifika wkoll minn meta dan l-eżami għandu jseħħ. Fil-każ li hija tikkonstata li tali eżami għandu jsir biss wara d-data tal-għoti tas-sentenza Tjebbes *et*, infakkar li kwalunkwe persuna li tilfet *ipso jure* in-nazzjonalità Ġermaniża qabel dik id-data, bis-saħħa tal-Artikolu 25(1) tal-iStAG, għandha tkun tista' tikseb dan l-eżami u, jekk ikun il-każ, l-irkupru tan-nazzjonalità ta' dan l-Istat *ex tunc*, meta ssir l-applikazzjoni għal dokument tal-ivjaġġar jew kwalunkwe dokument ieħor li jistabbilixxi n-nazzjonalità u, b'mod iktar ġenerali, fil-kuntest tal-proċedura li tikkonstata nazzjonalità[51].

76. Fit-tieni lok, mid-deċiżjonijiet tar-rinviju jirriżulta li r-rikorrenti fil-kawżi prinċipali kkonsolidaw ħajja familjari u professjonali fil-Ġermanja. Bħala ċittadini Ġermaniżi, huma setgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom ta' moviment liberu u ta' residenza fi Stati Membri oħra.

77. F'dan ir-rigward, infakkar qabel kollox li, fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, kull ċittadin tal-Unjoni għandu l-istess livell ta' protezzjoni tal-libertajiet fundamentali tiegħu u, b'mod partikolari tad-dritt għal ħajja familjari tiegħu.

49 Ara l-punt 38 *et seq.* ta' dawn il-konklużjonijiet.

50 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Tjebbes *et*, punt 42 u Udlændinge- og Integrationsministeriet, punt 40.

51 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Tjebbes *et*, punt 42 kif ukoll Udlændinge- og Integrationsministeriet, punt 40.

78. B'mod partikolari, f'dak li jirrigwarda dan id-dritt, minn ġurisprudenza stabbilita tajjeb jirriżulta li, minn naħa, l-eżami tal-proporzjonalità għandu jinkludi evalwazzjoni tas-sitwazzjoni individwali tal-persuna kkonċernata *kif ukoll dik tal-familja tagħha*, sabiex jiġi ddeterminat jekk it-telf tan-nazzjonalità tal-Istat Membru kkonċernat, meta dan ikun jinvolvi t-telf tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni, ikollux konsegwenzi li jaffettwaw b'mod sproporzjonat, meta mqabbel mal-għan imfittex mil-leġiżlatur nazzjonali, l-iżvilupp normali tal-ħajja familjari u professjonali tagħha, fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni [52]. Min-naħa l-oħra, fil-kuntest ta' dan l-eżami, b'mod partikolari huma l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u, jekk ikun il-każ, il-qrati nazzjonali li għandhom jiżguraw li tali telf ta' nazzjonalità jkun konformi mad-drittijiet fundamentali stabbiliti mill-Karta li l-Qorti tal-Ġustizzja tiżgura r-rispett tagħhom u, b'mod partikolari, mad-dritt għar-rispett tal-ħajja familjari, kif stabbilit fl-Artikolu 7 tal-Karta. Barra minn hekk, dan l-artikolu għandu jinqara, jekk ikun il-każ, flimkien mal-obbligu li jittieħed inkunsiderazzjoni l-aħjar interess tal-wild, irrikonoxxut fl-Artikolu 24(2) tal-Karta [53].

79. Fit-tielet lok, f'dan l-istadju tqum kwistjoni importanti għad-deċiżjoni tal-kawżi prinċipali: liema hija d-data rilevanti li għandha tittieħed inkonsiderazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-eżami ta' proporzjonalità? Jista' jiġi sostnut, kif qieset il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Udlændinge- og Integrationsministeriet, li din id-data tikkorrispondi għall-jum li fih il-persuna kkonċernata kisbet jew irkuprat in-nazzjonalità ta' pajjiż terz, peress li, f'dan il-każ, skont l-Artikolu 25(2) tal-iStAG, hija parti integrali tal-kriterji leġittimi li dan l-Istat Membru stabbilixxa u li minnha tiddependi ż-żamma jew it-telf tan-nazzjonalità.

80. Madankollu huwa ċert li, kuntrarjament għas-sitwazzjoni fil-kawża li wasslet għas-sentenza Udlændinge- og Integrationsministeriet [54], f'dan il-każ, ir-risposta għal din il-kwistjoni ma għandhiex tieqaf hemm u għandha tieħu inkunsiderazzjoni punt importanti, jiġifieri li r-rikorrenti fil-kawżi prinċipali ma kinux f'pożizzjoni li jibdew il-proċedura ta' awtorizzazzjoni minn qabel sabiex tinżamm in-nazzjonalità Ġermaniża tagħhom, peress li l-Artikolu 25(2) tal-iStAG kien għadu ma daħalx fis-seħħ fil-jum li fih huma ressqu t-talbiet tagħhom sabiex jirkupraw in-nazzjonalità Torka. B'hekk, ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali sabu ruħhom *f'pożizzjoni impossibbli* – kemm proċedurali kif ukoll sostantiva – li jressqu applikazzjoni għal awtorizzazzjoni minn qabel. Fil-fatt, peress li *terminu* sabiex tinżamm in-nazzjonalità Ġermaniża kien għadu mhux previst, dan ma setax jiskadi, bir-riżultat li l-persuni kkonċernati ma kellhomx aċċess effettiv għall-eżami individwali tas-sitwazzjoni tagħhom fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni [55].

81. Fir-raba' u l-aħħar lok, jidhirli li l-eżami ta' dan l-aħħar element huwa rikjest. Infakkar li l-qorti tar-rinviju tispjega li d-dritt Ġermaniż ma jistipula l-ebda possibbiltà ta' eżami inċidentali tal-konsegwenzi li jġib miegħu t-telf tan-nazzjonalità Ġermaniża wara li dan it-telf ikun seħħ. F'tali

[52] Tali konsegwenzi ma għandhomx ikunu, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, ipotetiċi jew potenzjali. Sentenzi Tjebbes *et*, punt 44 u Udlændinge- og Integrationsministeriet, punt 54.

[53] Sentenza Udlændinge- og Integrationsministeriet, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata.

[54] Sa fejn ir-rikorrenti kienet introduċiet l-applikazzjoni tagħha għaż-żamma tan-nazzjonalità Daniża wara l-iskadenza tat-terminu previst mil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 25 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[55] Dan il-punt jingħaqad mal-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 66 *et seq*. ta' dawn il-konklużjonijiet. F'tali kuntest, ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali, bħala ċittadini Ġermaniżi, setgħu jeżerċitaw id-drittijiet li jirriżultaw mill-istatus ta' ċittadini tal-Unjoni bejn in-naturalizzazzjoni tagħhom fl-1999 u l-adozzjoni tad-deċiżjoni li kkonstatat it-telf tan-nazzjonalità tagħhom, jiġifieri matul mill-inqas tmintax-il sena. Din is-sitwazzjoni, fl-ewwel lok, ta' dritt u, sussegwentement, ta' fatt, kif ukoll it-tensjoni li kien hemm bejn dawn iż-żewġ dati għandha tittieħed inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-eżami tal-proporzjonalità u, b'mod partikolari, fil-kuntest tal-protezzjoni tad-dritt għal ħajja familjari u professjonali.

każ, l-uniku rimedju għall-persuni kkonċernati li jirkupraw, mingħajr effett retroattiv, in-nazzjonalità Ġermaniża huwa li jerġgħu jippreżentaw applikazzjoni ġdida għal naturalizzazzjoni [56].

82. Issa, din il-possibbiltà li tiġi rkuprata n-nazzjonalità, peress li timplika li l-persuna kkonċernata hija miċħuda, matul perijodu stabbilit, mill-possibbiltà li tgawdi mid-drittijiet kollha mogħtija mill-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni, mingħajr ma jkun possibbli li dawn id-drittijiet jerġgħu jiġu stabbiliti matul l-imsemmi perijodu, ma hijiex kompatibbli mal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja. Skont din il-ġurisprudenza, il-fatt li dritt nazzjonali ma jistipulax, fil-kundizzjonijiet konformi mad-dritt tal-Unjoni, li jinkiseb, mill-awtoritajiet nazzjonali u, eventwalment, mill-qrati nazzjonali, eżami li jirrigwarda n-natura proporzjonali tal-konsegwenzi li jġib miegħu t-telf tan-nazzjonalità tal-Istat Membru kkonċernat fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni u li jista' jwassal, jekk ikun il-każ, għall-irkupru *ex tunc* ta' din in-nazzjonalità, ma jistax jiġi kkumpensat bil-possibbiltà ta' naturalizzazzjoni, ikunu x'ikunu l-kundizzjonijiet, eventwalment favorevoli, li fihom din tista' tinkiseb. Jekk jiġi aċċettat mod ieħor ifisser li qed jiġi ammess li persuna tista' tkun prekluża, anki għal perijodu limitat, mill-possibbiltà li tgawdi mid-drittijiet kollha mogħtija lilha mill-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni, mingħajr ma jkun possibbli li jerġgħu jiġu stabbiliti dawn id-drittijiet għall-imsemmi perijodu [57].

## VI. Konklużjoni

83. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi bil-mod segwenti għad-domandi preliminari magħmula mill-Verwaltungsgericht Düsseldorf (il-Qorti Amministrattiva ta' Düsseldorf, il-Ġermanja):

L-Artikolu 20 TFUE, moqri fid-dawl tal-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tistipula li ċ-ċittadini tagħha, f'każ ta' akkwist volontarju tan-nazzjonalità ta' pajjiż terz, jitilfu *ipso jure* n-nazzjonalità ta' dan l-Istat Membru, u dan iġib miegħu, għal dawk li ma jkunux ukoll ċittadini ta' Stat Membru ieħor, it-telf tal-istatus tagħhom ta' ċittadini tal-Unjoni u tad-drittijiet marbuta miegħu, sakemm ma jiksbux l-awtorizzazzjoni li jżommu din in-nazzjonalità qabel l-akkwist tan-nazzjonalità tal-pajjiż terz, kemm-il darba l-persuni kkonċernati jingħataw aċċess effettiv, fil-limiti ta' terminu raġonevoli, għal proċedura ta' żamma tan-nazzjonalità li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jeżaminaw il-proporzjonalità tal-konsegwenzi li jġib miegħu t-telf ta' din in-nazzjonalità fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni u, jekk ikun il-każ, li ż-żamma jew l-irkupru *ex tunc* tal-imsemmija nazzjonalità jiġu approvati. Tali terminu ma jistax jibda jiddekorri sakemm dawn l-awtoritajiet ma jkunux debitament infurmaw lill-persuni kkonċernati dwar il-fatt li eventwali akkwist jew irkupru tan-nazzjonalità ta' pajjiż terz iwassal għat-telf tan-nazzjonalità u dwar il-possibbiltà li tinbeda l-proċedura ta' awtorizzazzjoni minn qabel li tippermetti li tintalab iż-żamma ta' din in-nazzjonalità, kif ukoll dwar id-dritt tagħhom li jitolbu, f'dan it-terminu, iż-żamma jew l-irkupru ta' din in-nazzjonalità. Fin-nuqqas, l-imsemmija awtoritajiet għandhom ikunu f'pożizzjoni li jwettqu tali eżami, b'mod inċidentali, waqt applikazzjoni, minn dawn il-persuni, għal dokument tal-ivvjaġġar jew ta' kwalunkwe dokument ieħor li juri n-nazzjonalità tagħhom jew, jekk ikun il-każ, waqt proċedura ta' konstatazzjoni tat-telf tan-nazzjonalità.

56 Il-qorti tar-rinviju tispjega li l-Artikolu 13 tal-iStAG, li jagħti lil ex ċittadini Ġermaniżi, taħt ċerti kundizzjonijiet, naturalizzazzjoni ffaċilitata, japplika biss meta l-applikanti jkollhom id-domiċilju tagħhom f'pajjiż barrani.

57 Sentenza Udlændinge- og Integrationsministeriet, punti 57 u 58. Ara, ukoll, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Udlændinge- og Integrationsministeriet, (C-689/21, EU:C:2023:53, punti 93 u 94.